# L-Iskwadra tal-Helicopter fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta

PC 931 Carmel Zarb - Skwadra Mobbli

Fiż-żminijiet tal-lum, kulħadd jaf bl-importanza tas-servizz tal-helicopter. Bil-helicopter tasal f'qasir żmien fil-post mixtieq u jaf ikun vitali sabiex issalva xi ħajja jew jinqabad xi każ. Illum il-ġurnata, dan is-servizz huwa marbut kompletament ma l-Armata, iżda ftit jafu li oriġinarjament din l-iskwadra meta twaqqfet kienet tappartjeni lill-Korp tal-Pulizija.

Kien fis-sena 1971 meta l-Gvern Malti ta' dak iż-żmien kien bagħat grupp żgħir ta' nies ġewwa l-Ġermanja tal-Punent sabiex flimkien jitħarġu ħalli jsiru bdoti jew mekkaniks speċjalizzati tal-helicopters. Dan il-grupp kien magħmul kemm minn membri tal-forzi armati ta' Malta kif ukoll minn dak tal-Korp tal-Pulizija.

Il-kors kien wieħed intensiv ferm fejn il-kandidati kollha kien mistenni minnhom li jġibu ta' l-anqas sebgħin fil-mija tal-marki kollha fuq kull suġġett partikulari. Dan il-kors kien sar ġewwa l-Air Base Ġermaniż li jinsab qrib il-villaġġ ta' Fassberg u l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ħasbu huma stess sabiex iġibu lecturers Inglizi ħalli jagħmluha aktar faċli għall-kandidati Maltin biex jifhmu dan is-suġġett tant tqil.

Wara xhur sħaħ ta' xogħol iebes u studju ma jaqta' xejn, dawn il-bdoti u l-mekkaniks ġodda Maltin irriturnaw lura Malta sodisfatti u ħerqana biex jibdew iservu f'din l-iskwadra ġdida.

Il-membri li kienu jagħmlu parti min din l-iskwadra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija kienu ħames Surġenti u erba' Kuntistabblijiet.

Dawn kienu s-Surġenti Smith, Cachia, Muscat, Aquilina u Micallef, filwaqt li Kuntistabblijiet kienu Bonnici, Stivala, Incorvaja u Micallef Hawkes.

L-ewwel erba' helicopters li kellha din l-iskwadra kienu ta' tip Bell li kienu wkoll Two – Seater. Dawn il-helicopters kienu ngħataw b'donazzjoni mil-Gvern Ġermaniż lil Gvern Malti. Ta' min jgħid ukoll li dawn kienu l-istess helicopters li fuqhom kienu tħarġu l-piloti u l-mekkaniks Maltin meta dawn kienux għadhom qegħdin jistudjaw ġewwa l-Ġermanja.



Il-helicopter ta' din l-iskwadra waqt waħda mill-missjonijiet tiegħu ta' emerġenza fejn kien ġar tarbija mil-Isptar ta' Għawdex għall-Isptar San Luqa f' Malta

Bl-introduzzjoni ta' dawn l-erbgħa helicopters iduru fuq gżiritna u l-aktar fuq ix-xtut tagħna, is-sajjieda Maltin fl-aħħar setgħu iserrħu ftit rashom li l-Pulizija setgħetx tikkontrolla aħjar lis-sajjieda barranin li b'mod abbużiv kienu qegħdin jidħlu jistadu f'ibħra tagħna, b'konsegwenza li parti sostanzjali mill-ħobż ta' kuljum ta' dawn is-sajjieda kienet ta' kull darba qiegħda tiġi mhedda.

Fl-1973, din l-iskwadra kompliet tissaħħaħ aktar bl-introduzzjoni ta' helicopter ieħor. Din id-darba kien il-Gvern Libjan li kien offra helicopter b'xejn ta' tip JET. Iżda peress li dan il-helicopter ma kienx bħal dawk li l-Maltin kienu tħarrġu fuqhom inħasset il-ħtieġa li għandhom jerġgħu jiġi mitħarrġa mill-ġdid. Filfatt hekk kien sar bid-differenza li din id-darba it-taħriġ kien sar hawn Malta stess u kien ġie provdut mill-istess Gvern Libjan. Aktar tard, il-Gvern Taljan ukoll kien ħa nteress speċjali f'din l-iskwadra u kien offra huwa wkoll li jagħti lecturers avvanzati u refresher courses b'xejn lil dawn il-bdoti u mekkaniks fuq dawn iż-żewġ tipi ta' helicopters li kellha din l-iskwadra.

Ta' min isemmi li dik l-iskwadra kienet ta' importanza kbira sabiex tressqu diversi per-




Dawn kienu l-membri tal-Korp tal-Pulizija li kienu marru l-Ġermanja fuq il-kors tal-helicopter.

suni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet differenti relatati mal-kutrabandu u każijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tniġġiż tal-baħar minn vapuri jew bċejjeċ oħra li nzertaw kienu jbaħħru f'ibħra territorjali Maltin.

Xogħol ieħor ta' importanza kbira li kienet tagħmel din l-iskwadra kien dak tas-salvataġġ. Fil-fatt kien dejjem jitħalla wieħed minn dawn il-helicopters stand by għalli jista' jinqala'. Ta' min isemmi l-każ li darba din l-iskwadra kienet daħlet fis-seħħ fl-1975, meta għawwiem li kien qed jgħum lejn in-naħa ta' Wied iż-Żurrieq sab ruħu f'diffikultajiet kbar b'konsegwenza li kien ser jgħereq. Kien grazzi għax-xogħol ta' din l-iskwadra li fi ftit ħin irnexxila tasal fuq il-post u ttella' lir-raġel qawwi u sħiħ.

Każ ieħor ta' salvataġġ kien dak ta' yacht li fuqu kien hemm sitta min-nies. Dan il-yacht li nzerta' kien qiegħed ftit mili 'l bogħod mill-ibħra territorjali Maltin kien talab għall-għajnuna peress li kien inqabad f'maltempata kbira, u bl-għajnuna li kien ingħata mill-helicopters, kien irnexxilu jidħol f'Malta mingħajr problemi.

F'dik l-istess sena, jiġifieri fl-1975, il-helicopters kienu ta' siwi kbir għall-investigazzjoni li kienet għamlet il-Pulizija rigward is-serqiet li saru mill-banek ta' San Pawl il-Baħar u tal-Gżira. Il-bdoti ta' din l-iskwadra permezz tal-helicopters tagħhom, kien irnexxilhom jikxfu l-karozzi tal-ħallelin li wettqu dawk is-serqiet.

Apparti x-xogħol tar-ronda u dak tas-salvataġġ, forsi l-aktar biċċa xogħol ta' importanza li kienet wettqet din l-iskwadra kien dwar meta darba kien hemm bżonn urġenti li jittieħed il-plażma tad-demm mill-isptar ġenerali ta' Malta għal dak ta' Għawdex.

Iżda imbagħad, fl-1 ta' April 1980, ġiet iffurmata t-Task Force taħt it-tmexxija tal-Kurunell John N. Cachia. Din kienet skawdra magħmula prinċiparjament minn membri tal-Forzi Armati, iżda li ġiet imsaħħa wkoll minn membri tal-Pulizija. It-task force li kienet taqa' diretament taħt l-Armata kienet maqsuma f'ħames taqsimiet ewlenin. Dawn kienu l-Iskwadra Marittima, tal-helicopters, Infanterija, Ajruport u Depot tal-munizzjon u splussivi li kienet tinkludi wkoll is-Sezzjoni tal-Bugħadassa. B'konsegwenza t'hekk, il-helicopters li kienu f'idejn il-Pulizija għaddew f'idejn l-Armata kif għadhom hekk sal-lum.

